Salv. Kulma kien fih is-senduq kienu l-qalziet u l-ġlekk tal-bellus li Feliċ kien jilbes meta kien ibaħħar minn Tunes għal Malta bil-bhejjem, par stvali, ċinetta ħamra ċar bil-ġummiena lewn aħmar dagħmi, arloġġ tal--but tan-nikel b'katina ħoxna tal-metall abjad, karabina, sawt tal-ġild mibrum, stallett imsaddad ġewwa għant tal-ġild, nofs tużżana mkatar kbar imżewqin, tnejn minnhom tal-ħarir, u żewġ trieħi, waħda ħamra u l-oħra kaħla, kaxxetta b'żewġ ċrieket kbar tal-metall abjad u b'ħafna ħbub tar-Reġina Vitor u dendul ta' arloġġ bil-qrun tal-għadam u tal-qroll u bl-id ta' Fatma tal-metall, u f'qiegħ is-senduq, marbutin bi spag oħxon, qabda karti, titoli Russi ta' żmien il-Gwerra l-Kbira, oħrajn tar-Rumanija, ktieb ta' l-irċevuti, ktieb tal-Bank Franċiż b'kapital ta' £300 u b'xi mgħax li baqgħu ma nġabrux, ċedula u kopja ta' kuntratt fejn il-mejjet kien jidher li kellu sehem f'miniera tas-sulfat f'idejn kumpanija Franċiża fl-inħawi tal-Hamat, f'Tunes, u li minnha, mindu Franza waqgħet f'idejn il-għadu, Feliċ ma baqa' jieħu ebda profitti ta' qligħ.

Mastru Salv ġabar il-ktieb ta' l-irċevuti, iċ-ċedula, il-kopja tal-kuntratt tal-miniera tas-sulfat u karti oħra sakemm issir il-qasma. Bla ma tkellmu u b'ħafna sefsif fil-widnejn il-qraba tal-mejjet telqu mid-dar u ħallew lil Mastru Salv ipaċpaċ ma' Tona u bintha. Iżda huma u neżlin it-taraġ instama' bħal tgergir u n-nisa jgħajtu "Jeħtieġ narawha... għax dak kellu l-flus id-dar... lanqas sold biex jitkeffen u jindifen... misruq f'ħajtu u misruq f'mewtu... iżda Alla jaf x'inhu jagħmel... u fl-aħħar nieħdu li ħaqqna!"

*(Jissokta)*

---

## MNEJN HU MNISSEL XI KLIEM MALTI

*Tan*-NUTAR MICALLEF DE CARO

ĊIKNATUR (*Trencher*, bl-Ingliż, *Tailleur* bil-Franċiż).— Naħseb li ftit hawn li ma jafux xi tfisser din il-kelma : iżda hija tfisser żewġ ħwejjeġ, jiġifieri : (a) dik il-għuda li fuqha tinħadem l-għaġina; (b) logħba tat-tfal, fejn "kull min imissu", huwa jitfa' ġellewża fuq biċċa għuda mżerżqa, biex jolqot il-"kastell" (jiġifieri tliet ġellewżiet ħdejn xulxin u waħda fuqhom. Issa, bil-Franċiż, "kull min imissu" jingħad : *Chacun à son tour* : u għalhekk hemm min hu tal-fehma li l-kelma *Ċiknatur* m'hix ħaġ'oħra ħlief il-frażi Franċiża, meħuda "skond il-leħen tagħha", billi aktarx li din il-logħba daħħluha fostna l-Franċiżi, fil-qagħda qasira tagħhom f'dawn il-gżejjer.



# Land of Hope and Glory

*Ta'* IVO MUSCAT AZZOPARDI

Għażiża Art, b'Ismek maħtur
 Żied setgħa l-Mulej fik!
F'ras is-Sultan, maħbub, mixbur,
 Mill-ġdid il-klil jagħtik.
Liġi li bnejt, b'Helsien ir-rebħ,
 Minn żmien ħakmet qatigħ;
B'Helsien mirbuħ, tas-Sewwa xebħ,
 L-Imperu jibqa' sħiħ.
  Art ta' Tama w Glorja, Omm ta' Nies Helsien,
  Kif trid Ismek ngħollu 'kk minnek mitweldin?
  L-artijiet ta' taħtek żdiedu w ġiebu ġid;
  Alla għamlek qawwija, lilek setgħa jżid.
Mill-eqdem żmien Ismek magħruf,
 Daqs baħar kbir fil-ġid;
Fil-ħila qatt ma kont mixgħuf,
 Kburi fis-skiet u mqit;
Mhux ferħ bla tama ħallem fik
 Ir-rebħ tal-missirijiet;
Demm il-qalbien li ċarċru għalik
 Għadu minqux fl-ulied.
  Art ta' Tama w Glorja, eċċ.

Lixandra, 15 ta' Awissu, 1941.

---

# Villa Lija

*Ta'* MARJU AGIUS

Raħal ċkejkuni b'ward u siġar għani,
Hadrani dejjem, fir-rebbiegħa jsaħħar:
Donnu għarusa b'żahar kbir bajdani:
Għail-arja tajba minn kullħadd imfaħħar.
Raħal tal-ġonna, fejn laring ħamrani
U l-mandurina lewn id-deheb fl-aħħar
Xhur tal-ħarifa, b'lumi wkoll safrani,
Iżejnu l-ġnien sa żmien tax-xitwa mwaħħar
Raħal ta' skiet, ifewwaħ b'ward u żahar
Knisja ġmiel f'nofsu tal-Feddej ħanin,
B'villel u ġonna bil-ħitan kennija:
Fejn bogħod mill-biża' ta' xtajtiet il-baħar
In-Nobbli u Kavalieri għammru s-snin:
Mill-Kurja u nies imsejjaħ Villa Lija!